*-piż probatorju ta' perizja teknika kkummissjonata mill-Qorti*

*-piż probatorju ta' rapport tekniċi ex parte*

*-evaluwazzjoni li tagħmel il-Qorti f'każ ta' rapporti ġudizzjarji u rapporti ex parte konfliġġenti*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 t'Ottubru, 2019.**

**Rikors Nru. 628/12GM**

**Dionisio sive Dennis (ID Card Number 168243M) u Mary konjugi Arnold (ID Card Number 646945M)**

**vs**

**Raymond (ID Card Number 163968M u Pamela konjugi Chetcuti (ID Card Number 456071M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fid-19 ta' Ġunju, 2012, li permezz tiegħu l-atturi wara li stqarru illi:

1. Huma s-sidien tal-appartament internament immarkat numru 2 formanti parti l-binja bl-isem *Monte Carmeli Flats* numru 204, Triq is-Salini ġja` Triq San Tumas, Wied-il-Għajn, sovrastanti l-fond proprjeta` tal-konvenuti u cioe` l-fond bl-isem *St Anne Garage*, li għandu n-numru 206, Triq is-Salini, Wied-il-Għajn;

2. Il-konvenuti jew aġenti tagħhom wettqu xogħlijiet fil-fond proprjeta` tagħhom bil-konsegwenza li kkawżaw danni inġenti fil-proprjeta` tal-atturi u dan skond ma jirriżulta mir-relazzjoni tal-Perit Lino Bianco.

3. Kawża tal-istess xogħlijiet l-istruttura tal-bini tal-atturi tinstab fi stat perikoluż u tista' ssofri danni ulterjuri.

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti intimati responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi rikorrenti fil-fond tagħhom.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess atturi rikorrenti anke' bl-opera ta' periti nominandi

3. Tordna lill-konvenuti intimati sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati.

4. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien preskritt, twettqu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa taħt is-supervizjoni ta' perit arkitett sabiex jitneħħa l-periklu fil-binjiet hawn fuq indikat kif wkoll dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa biex il-binja tiġi fl-istat pristin  u fin-nuqqas tordna li ix-xogħlijiet isiru mill-atturi rikorrenti a spejjez tal-istess konvenuti intimati.

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet skond il-liġi inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 t'April 2012 kontra l-konvenuti;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:-

1. It-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

2. Din il-kawza hi waħda spekulattiva fejn qed jidher li l-istess atturi qegħdin jippruvaw iwikku x-xogħlijiet kollha li jista' jkun hemm il-ħtieġa li jsir, irrespettivament jekk it-tort hu tagħhom jew le.

3. Hu grazzi għall-aġir tal-istess atturi li kienu konsistentement diffiċli f'dan ir-rigward, li ma sarx qed jirriservaw id-dritt li jieħdu l-mizuri neċessarji għad-danni biex jikkawtelaw l-pożizzjoni tagħhom (sic).

4. Dawn il-proċeduri saru bħala reazzjoni għall-fatt li l-esponenti intimat uffiċjalment permezz ta' ittra uffiċjali l-atturi biex jersqu għall-ħlas u likwidazzjoni tad-danni sofferti minħabba d-dewmien mhux ġustifikata min-naħa ta' l-istess atturi liema intimazzjoni hi għal kollox ġustifikata u b'hekk l-atturi esponew ruħhom għad-danni grazzi għall-aġir tagħhom xejn korrett liema ħaġa ser tiġi ppruvata fil-mori tal-kawża. Illi f'dan ir-rigward l-istess esponenti qed jirriservaw li jieħdu huma stess passi f'dan ir-rigward u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat ir-rapport tal-Perit Lino Bianco tas-7 ta' Marzu 2011[1], imqabbad *ex parte* mill-atturi; tal-Perit Daniel Micallef tat-8 ta' Marzu 2012; u tal-Perit Karl Cutajar tal-4 ta' Lulju 2013[2], imqabbdin *ex parte* mill-konvenuti;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit u Avukat Dottor Robert Musumeci, imqabbad minn din il-Qorti, maħlufa u ppubblikata waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019;

Qieset it-tweġibiet tiegħu in eskussjoni;

Ikkunsidrat:

---

[1] fol 273
[2] fol 464

Illi jirriżulta – u dan mhux fatt ikkontestat – illi qabel ma saru x-xogħlijiet in kwistjoni, il-proprjeta` tal-atturi ma kellhiex difetti strutturali, kif iċċertifikat mill-Perit Joseph Zerafa Briffa fl-1 ta' Marzu 2011[3];

Illi l-perit ġudizzjarju kkonkluda li:

1. l-konsenturi fil-fond tal-atturi żviluppaw wara xogħlijiet strutturali mwettqa mill-konvenuti meta neħħew ħajt u minfloku għamlu żewġt itravi tal-ħadid ċjoe` IPN 180 u UPB 180 mingħajr ma rifdu l-istruttura.

2. ma rriżultax li:

2.1 fis-saqaf tal-konvenuti, li jiġi l-art tal-atturi, l-inkulmatura bejn ix-xorok m'għadhiex tiffunzjona

2.2 t-travi tal-ħadid "imsaddin mill-umdita`", ikkawżaw xi ħsara

3 l-konvenuti jridu jagħmlu tajjeb għall-konsenturi fil-ħitan

4 Ix-xogħol ta' *plastering, rendering and painting* rimedjali huwa stmat li jvarja bejn €185 u €500 minn stejjem ippreżentati mill-atturi stess

5. bħala xogħlijiet rimedjali, jridu jiġu ntrodotti żewġ *I-Beams* (IPN 180 x 2 No) taħt iċ-*channel* u RSJ, imwaħħlin mill-atturi u msemmija fir-rapport tal-perit ġudizzjarju, liema *I-Beams* għandhom jistrieħu fuq suletti fuq il-pilastri eżistenti;

Illi l-perit ġudizzjarju, min-naħa l-waħda ma qabilx għal kollox mal-Perit Bianco, imqabbad *ex parte* mill-atturi: qabel miegħu dwar il-kawża tad-difetti (para 1 supra) u parti mill-effett tagħhom – il-konsenturi fil-ħitan (para 3 supra) iżda ma qabilx miegħu li seħħet ukoll il-ħsara fl-inkulmatura bejn ix-xorok (para 2 supra); min-naħa l-oħra ma qabilx mal-Perit Cutajar, imqabbad ex parte mill-konvenuti, dwar l-adegwadezza strutturali taċ-*channel* u RSJ imwaħħla mill-atturi, u ta' r-raġunijiet għaliex. Fir-rigward tal-Perit Cutajar, ma poġġiex fid-dubbju l-

[3] fol 268

korrettezza tal-kalkoli li għamel dan il-perit *ex parte*, iżda skarta l-veraċita` tal-presupposti fattwali li fuqhom saru u ċjoe` l-piż li riedu jifilħu, in kwantu normalment, it-torba fuq ix-xorok tkun għoljin 7.5 ċentimetri u mhux 5 ċentimetri, u x-xorok 10 ċentimetri u mhux 7.5 ċentimetri;

***Dwar il-valur probatorju tal-perizja ġudizzjarja***

Illi huwa minnu li l-liġi nnifisha tagħmel ir-riżerva espliċita li **"Il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha"[4].** Dan peress li fl-aħħar mill-aħħar, il-konsiderazzjonijiet, l-opinjonijiet esperti, u l-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti **jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt** u għandhom jiġu meqjusa bħala tali mill-Qorti. [5] L-eżerċizzju mill-espert jinvolvi għażliet ibbażati fuq id-diskrezzjonalita` teknika tat-testijiet kondotti minnu u kull ġudizzju tiegħu, in kwantu mezz ta' prova, hu riżervat lill-ġudikant fl-għarbiel tal-kumpless tal-provi.[6] Hu prinċipju ben magħruf illi kull gudikant għandu l-poter diskrezzjonali wiesgħa li jqis dawk l-elementi ta' prova, proċesswalment akkwiżiti, li huwa jidhirlu hekk suffiċjenti għall-ġudizzju tiegħu.;

Illi dan ma jfissirx pero` illi l-Qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż[7]: Daqstant ieħor hu wkoll konkordament riċevut u aċċettat illi dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konkluzjoni ta' perit nominat minnha[8]. Kif issokta jiġi ppreċiżat, il-konvinzjoni kuntrarja tagħha għandha tkun **ben informata** u bbażata fuq **raġunijiet li gravement ipoġġu fid-**

[4] Art. 681 Kap 12
[5] Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016
[6] Zammit Mark v Strand Electronics Ltd – 22.05.2009 QA(PS)
[7] Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016
[8] Anthony Cauchi - vs- Carmel Mercieca", Appell 6 ta' Ottubru, 1999).

**dubbju dik l-opinjoni teknika** lilha sottomessa **b'raġunijiet li m' għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku** tal-materja taħt eżami;[9]

***Dwar il-valur probatorju tal-perizja ex parte:***

Illi m'hemm xejn fil-liġi li jżomm lill-Qorti milli tadotta rapport ta' perit *ex parte*. Anzi, il-kuntrarju hu l-każ, kif joħroġ ċar mid-dispost ta' l-Artikolu 563A tal-Kodiċi ritwali (Kapitolu 12). K**ull verifika li ssir minn parti, anke jekk permezz ta' l-awżilju ta' espert, tirrappreżenta aċċertament tekniku li jibqa' wieħed unilaterali u, *ut sic*, ma jikkostitwix għall-ġudikant fonti oġġettiva ta' aċċertament ta' fatt** u, allura, mhux bilfors trid taċċettah. Dan ukoll fejn *si tratta* minn perizja ta' espert nominat mill-Qorti. [10] Il-konsulenzi tekniċi *ex*-parte **ma jikkostitwux strettament mezzi ta' provi** daqskemm **ta' allegazzjonijiet difensivi ta' karattru tekniku** li jistgħu, għaldaqstant, jigu konfutati jew accettati. Naturalment, anke jekk mhux neċessarjament jikkostitwixxu prova tal-fatti allegati, l-opinjonijiet magħmula minn dawk il-konsulenti **jikkostitwixxu ċertament indizji li jiġġustifikaw approfondiment istruttorju** mit-Tribunal adit skond is-soliti principji tal-valutazzjoni tal-provi u tal-konvinċiment liberu tal-Qorti. Naturalment, ukoll, il-Qorti tibqa' ħielsa li tikkondividi l-opinjoni teknika ta' parti waħda fuq dik tal-kontro-parti basta li tipprovdi raġunijiet adegwati għal dik l-preferenza, u bbażata, s'intendi, fuq il-kriterji tekniċi tal-materja kkontestata[11];

---

[9] Philip Grima v Carmelo Mamo , Appell, 29 ta' Mejju, 1998. Ara Edwin Vella v Joanna Briffa, Appell mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, 18 ta' Ottubru, 2006 li minnha din is-silta hi meħuda. Dawn is-sentenzi huma ċċitati f' Tal-Francis Construction Limited v. Zarb Angelo 15.07.2009 QA(PS)

[10] Ara Artikolu 681, Kapitolu 12; Mark Portelli Mark v. Sirol Raniero 29.01.2010 Q.A.(P.S.)

[11] C. Testa & Co. Ltd vs Grace Pavia 12.02.2010 Qorti tal-Appell – Imh. Philip Sciberras

*Evaluwazzjoni tal-Qorti f'każ ta' konflitt bejn perizji ex parte u periti ġudizzjarji*

Illi għalkemm rapporti *ex*-parte jkollhom effett probatorju, dan l-effett għandu l-limitazzjonijiet tiegħu kif fuq spjegat, u għalhekk il-Qorti hija naturalment dejjem iktar propensa li toqgħod u tadotta l-parir tal-esperti li jkunu ġew maħtura minnha[11]. Għalkemm, bil-liġi, l-fehma ta' espert imqabbad mill-parti tista' titqies bħala prova jekk fil-fehma tal-Qorti dik il-persuna jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwestjoni, il-Qorti tista' tagħżel li tiskartaha kemm-il darba dik il-prova kienet quddiem il-perit imqabbad mill-Qorti meta jkun qiegħed ifassal ir-rapport tiegħu, u sadattant ma dehrlux li kellu joqgħod fuqu;[12]

*Applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għall-każ preżenti*

Illi fil-każ preżenti, il-perit ġudizzjarju kellu l-okkażjoni li jqis ir-rapporti ex parte u jagħti l-valutazzjoni tiegħu dwarhom;

Illi l-konvenuti ma ipprevalewx ruħhom mill-fakolta` lilhom konċessa mill-Kodici ta' Proċedura u Organizzazzjoni Civili li jitolbu n-nomina ta' periti addizzjonali, u l-eskussjoni tagħhom tal-espert tal-Qorti ma wassletx biex iddgħajjef l-opinjoni teknika tiegħu. Ma ġabu l-ebda raġuni rafforzanti biżżejjed biex jista' jingħad illi l-konkluzjoni peritali hi irraġonevoli[13] jew dovuta għal żball sostanzjali u gravi tali li, jekk titħalla kif inhi, twassal għall-inġustizzja;[14]

Illi għaldaqstant m'hemm l-ebda raġuni l-għala l-Qorti titbiegħed mir-rapport tal-Perit Tekniku maħtur minnha stess;

[11] Alfred Farrugia v Mary Rose Meli 25.09.2006 Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)
[12] Charles Conti et vs Valent Xuereb – PA(JRM)08.03.3005
[13] Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et, Appell, 23 ta' Gunju 1967
[14] Carlo Vella -vs- George Xuereb, Appell Kummercjali, 22 ta' Marzu 1973 iċċitata f'Angelone Umberto v Vella Charles 28.03.2003 PA(PS)

Illi għalkemm saru għadd ta' eċċezzjonijiet, l-ebda waħda minnhom ma tiċħad il-veraċita` tal-premessi li fuqhom l-atturi sejjsu t-talbiet tagħhom;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħhom, l-atturi ċċitaw in-nuqqas ta' użu tal-fond tagħhom għal għadd ta' snin kif ukoll id-dewmien li din il-kawża ħadet tort – skonthom – tal-konvenuti. B'danakollu, dawn id-danni la ġew ippruvati u lanqas ikkwantifikati u għalhekk il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom, apparti l-fatt li t-talbiet tagħhom fir-rikors ġuramentat huma limitati għal danni kkawżati fil-fond tagħhom;

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi fil-fond tagħhom, liema danni jikkonsistu fil-ħsarat fuq imsemmija kif ikkonstatati mill-perit tekniku Robert Musumeċi imqabbad minn din il-Qorti;
2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet domanda salv kif sejra tistatuwixxi;
3. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi żmien ħames xhur mid-data ta' din is-sentenza, iwettqu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa kif indikati fir-rapport tal-perit ġudizzjarju taħt is-supervizjoni tal-istess perit arkitett Robert Musumeci sabiex jitneħħa l-periklu fil-fond tal-atturi hawn fuq indikat kif wkoll dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa biex il-binja tiġi fl-istat pristin u fin-nuqqas tordna li ix-xogħlijiet isiru mill-atturi a spejjeż tal-istess konvenuti, bl-approvazzjoni tal-istess Perit, b'dan li l-prezz tal-*plastering,*

*rendering and painting* dawn m'għandhomx jeċċedu l-€500; il-prezz tat-travi jkun skont kif approvat mill-istess Perit.

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet skond il-liġi inlużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 t'April 2012 kontra l-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA